MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 230/2006

Giovanni Briffa
vs
Ronald Azzopardi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Ronald Azzopardi li bih espona:

Illi Ronald Azzopardi gie notifikat bl-Ittra Ufficjali fl-ismijiet fuq premessi, ipprezentata ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, nhar l-1 ta' Marzu 2006, illi permezz taghha l-imsemmi Giovanni Briffa ippretenda l-hlas tas-somma ta' "hames mija u sitt elef Liri Maltin (Lm506,000) import ta' erba' kambjali ffirmati minnek u girati fuq il-mittenti".

Illi Ronald Azzopardi issottometta li hemm ragunijiet gravi u validi sabiex jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali li

ghalihom issir referenza fl-Ittra Ufficjali msemmija, ai termini tal-***proviso*** ta’ l-istess Artikolu 253(e) tal-Kap 12. tal-Ligijiet ta’ Malta, stante, preliminarjament, illi l-istess kambjali jkopru element ferm eccessiv ta’ uzura, u konsegwentement huma nulli ai fini ta’ Artikolu 986(2) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Effettivament, il-Qrati taghna dejjem irritenew, anke fl-azzjoni kambjarja fejn b’ligi espressa mhi permessa ebda eccezzjoni kontra l-hlas ta’ import li jidher fuq wicc il-kambjala, illi jekk jigu mitluba, huma ghandhom jindagaw jekk il-kambjala hix “imcappsa bl-uzura” (***vide inter alia***, **Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg noe** – deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta’ Novembru 1985).

Illi bhala indikazzjoni ta’ l-element ta’ uzura fil-kambjali ipprezentati mill-pretiz kreditur Giovanni Briffa, l-imsemmija kambjali li huma ipprezentati bhala mahruga fid-data tat-30 ta’ Novembru 1994, juru ammont komplessiv kif ipprezentati f’dina l-ittra ufficjali ta’ hames mija u sitt elef Liri Maltin (Lm506,000.00), oltre ghal ammont ulterjuri, allegatament kopert b’kambjali ohra ipprezentati mill-istess Giovanni Briffa permezz ta’ ittra ufficjali ohra fl-istess ismijiet premessi, li wkoll ggib id-data ta’ l-24 ta’ Frar 2006, fl-ammont ta’ miljun, sitt mija u sitt elef Lira Maltin (Lm1,606,000.00), ghal total komplessiv, kopert biz-zewg ittri ufficjali, ta’ zewg miljuni, mija u tnax-il elf Lira Maltin (Lm2,112,222.00).

Illi b’danakollu, id-debitu effettiv kien gie indikat, inqas minn tmien (8) gimghat qabel il-jum illi fih allegatament gew iffirmati l-kambjali ipprezentati mill-pretiz kreditur fl-atti taz-zewg ittri ufficjali msemmija, permezz ta’ Skrittura ta’ Rahan ta’ ishma, nhar il-5 ta’ Settembru 1994, debitament iffirmata fil-prezenza anke ta’ l-Avukat Stefan Frendo, fl-ammont ta’ tliet mija u erbatax-il elf hames mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm314,588.00). Kopja ta’ din l-Iskrittura ta’ Rahan giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok RA1.

Illi ghall-kjarezza, gie indikat illi Manuel Briffa, imsemmi fl-istess Skrittura ta’ Rahan (Dok. RA1) huwa l-kreditur originali fuq il-kambjali indikati mill-pretiz kreditur Giovanni

Briffa, li lilu gew ipprezentati bhala li gew girati l-kambjali. Id-dejn huwa l-istess wiehed, tant illi ghalkemm fl-iskrittura ta’ Rahan (Dok. RA1) hemm indikati bhala d-debituri kemm Ronald Azzopardi u kif ukoll certu Jean Borg, sussegwentement, permezz ta’ Skrittura Privata datata 16 ta’ Gunju 1999 (li kopja taghha giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok RA2) l-istess dejn gie kollu kemm hu assunt minn Ronald Azzopardi.

Illi ghaldaqstant l-ammont kollu li kien dovut lil Emmanuel Briffa (illi ggira l-kambjali lill-pretiz kreditur Giovanni Briffa) fl-imsemmija data tal-kambjali tat-30 ta’ Novembru 1994, kien biss fl-ammont ta’ tliet mija u erbatax-il elf hames mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm314,588.00), oltre l-interessi li setghu kienu skorrew sa dak iz-zmien illi fl-ebda kaz ma setghu jaccedu l-ammont ta’ erbat elef u mitejn Lira Maltin (Lm4,200.00), mentri l-istess Giovanni Briffa qieghed illum jippretendi total komplessiv, kopert biz-zewg ittri ufficjali gja msemmija ta’ zewg miljuni, mija u tnax-il elf Lira Maltin (Lm2,112,000.00), illi lkoll kienu allegatament gew mghoddija lill-mittenti qabel it-30 ta’ Novembru 1994. Ma jistax ikun hemm dubju fic-cirkostanzi dwar l-uzura estrema involuta f’dina l-kawza.

Illi dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt illi Ronald Azzopardi ghamel pagamenti ingenti, permezz ta’ hlasijiet effettwati ghan-nom ta’ l-istess Emmanuel Briffa, fl-ammont komplessiv ta’ tnejn u hamsin elf mitejn u erbgha u erbghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm52,244.68), kif jirrizulta mir-Rendikont li kopja tieghu giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok. RA3. Dan il-pagament huwa raguni gravi u valida ohra ghaliex Ronald Azzopardi issottometta li l-ezekuzzjoni tal-kambjali tigi sospiza.

Illi Ronald Azzopardi qieghed prezenzjalment jindika l-intenzjoni tieghu li jirrapporta dan l-agir kriminali lill-awtoritajiet tal-Pulizija u l-awtoritajiet Fiskali da parti ta’ l-imsemmija Emmanuel u Giovanni Briffa, ghall-investigazzjoni taghhom u proceduri ulterjuri.

Ronald Azzopardi talab lill-Qorti:

Tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali li ghalihom issir referenza fl-Ittra Ufficjali su-riferita.

Salv kull provvediment illi dina l-Qorti joghgobha taghti.

Rat id-dokument RA1, Pledge of Shares Agreement tal-5 ta' Settembru 1994, id-dokument RA2 tas-16 ta' Gunju 1999 u d-dokument RA 3 ta' l-1 ta' Jannar 1996.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta a fol 46 ta' Giovanni Briffa li biha espona:

Illi fl-24 ta' Frar 2006, Giovanni Briffa kien ipprezenta l-ittra ufficjali bin-numru 661/2006 (DOK AA1) kontra Ronald Azzopardi ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-21 ta' Marzu 2006, ir-rikorrent Azzopardi kien ipprezenta r-rikors tieghu fiz-zmien lilu konsentit mill-ligi sabiex jopponi l-esekuzzjoni tal-kambjali.

Illi fid-9 ta' Jannar 2007, fl-ewwel dehra, din il-Qorti ordnat lill-Avukat Dr. Antoine Naudi, u cioe`, l-avukat illi qed jippatrocina lil Giovanni Briffa, sabiex jipprezenta risposta ghar-rikors fi zmien ghoxrin (20) gurnata.

Illi ghaldaqstant Giovanni Briffa xtaq jirrivela l-punti segwenti sabiex jirribatti bil-qawwa kollha l-allegazzjoni infondati kontenuti fl-istess rikors.

1. <u>Il-Fatti fil-Qosor</u>

1.1. Illi qabel xejn, huwa imperattiv, fil-fehma umli ta' Giovanni Briffa li jispjega fil-qosor il-fatti li wasslu ghall-hrug tal-kambjali in kwistjoni.

1.2. Illi fil-5 ta' Settembru ta' l-1994, missier Giovanni Briffa, u cioe`, Emmanuel Briffa, kien ftiehem ma' Ronald Azzopardi u certu Jean Borg (liema persuna pero` helset mill-obbligi kollha taghha permezz ta' skrittura datata 16 ta' Gunju 1999, annessa mar-rikors bhala Dok RA2), illi jsellifilhom is-somma ta' tlett mija u erbatax-il elf u hames mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm314,588). Bhala

garanzija ghar-rifuzjoni ta' din is-somma, Azzopardi flimkien ma' l-istess Jean Borg, kienu taw b'rahan lil Emanuel Briffa, l-ishma rispettivi taghhom f'kumpanija bl-isem ta' Boaz Properties Limited. Din l-iskrittura giet annessa mar-rikors ta' Ronald Azzopardi, u mmarkata Dok RA1.

1.3. Illi xi xahrejn wara Azzopardi, wahdu kien mar ghand Briffa u spiegalu li kien jibqa' jafulu jekk dan l-ahhar jibda jisilfu izjed flus mat-tul ta' zmien. Briffa accetta u matul is-snin gew effettwati diversi transazzjonijiet ta' self ta' flus bejn Emanuel Briffa u Ronald Azzopardi, l-iktar mis-sena 1998 'l quddiem.

1.4. Illi beda ghaddej iz-zmien u l-kreditur, Emanuel Briffa ma kien ghadu hallas xejn fuq is-somma ta' Lm314,588 skond il-ftehim ta' bejniethom. Azzopardi dejjem iwieghed li jhallas u hlas ma jsir qatt izda almenu hawnhekk Briffa kellu l-posizzjoni tieghu kristalizzata fil-ftehim bil-miktub. Briffa izda lanqas ma beda jithallas fuq is-somom konsiderevoli l-ohra li kien qed jaghti lil Azzopardi fl-ahhar tas-snin disghin 'il hemm u kien ghalhekk illi Briffa hass illi jkun ghaqli tigi ffirmata skrittura bejn il-partijiet li turi l-bilanc pendenti u l-imghaxijiet illi kellhom jithallsu kull xahar almenu fuq dawk il-flus mislufa li ma kenux koperti bl-iskrittura. Jidher car difatti mill-iskrittura annessa u mmarkata [Dok AA2] illi sal-1 ta' Frar 2003, is-somma kapitali kienet dik ta' miljun u erba' mitt elf Lira Maltin (Lm1,400,000), li kellhom jigu mhallsa bir-rata ta' sebgha punt sebgha fil-mija (7.7%) fis-sena. Dawn ovvjament oltre s-somma ta' Lm314,588 li kienu ghadhom ma thallsux.

1.5. Illi meta xorta wahda, wara l-iskrittura ta' l-1 ta' Frar 2003, Azzopardi baqa' ma hallasx, lejn l-ahhar tas-sajf tas-sena 2004, il-kreditur Emanuel Briffa talab lil Azzopardi sabiex johroglu sett ta' kambjali (annessi u mmarkati Dok GB1 sa Dok GB 4 u Dok RA1 sa RA25) komplessivament ghas-somma ta' zewg miljuni, mija u tnax-il elf Lira Maltin (Lm2,112,000) sabiex ikopru s-somma kapitali ta' Lm314,588 oltre imghax mid-data tas-self moghti fil-5 ta' Settembru 1994 sat-30 ta' Novembru

2004 u s-somma kapitali l-ohra ta' Lm1,400,000 flimkien mal-imghaxijiet mid-data ta' l-1 ta' Frar 2003 sad-data tal-maturita`, u cioe`, 30 ta' Novembru 2004.

1.6. Illi ftit gimghat wara, il-kreditur Emanuel Briffa iggira l-kambjali kollha a favur tat-tifel tieghu, Giovanni Briffa, illi huwa l-kreditur odjern.

1.7. Illi l-istess kambjali skadew kollha u l-hlas baqa' ma giex affettwat, nonostante d-diversi laqghat, telefonati, laqghat ma' l-avukati ecc. li saru. Ghaldaqstant fl-24 ta' Frar 2006 Giovanni Briffaipprezenta zewg ittri ufficjali ai termini tal-Artikolu 253(e) biex ikopru kwantu ghall-ittra ufficjali 660/2006 – il-hamsa u ghoxrin kambjali annessi u mmarkati Dok RA1 sa RA25 ammontanti ghas-somma ta' miljun sitt mitt elf u sitt elef Lira Maltin (Lm1,606,000), u kwantu ghall-ittra ufficjali 661/2006 – l-erba' kambjali annessi u mmarkati Dok GB1 sa GB4 ammontanti ghas-somma ta' hames mija u sitt elef Lira Maltin (Lm506,000) rispettivament.

**2. <u>Preliminarjament, l-azzjoni ta' Ronald Azzopardi mhijiex legalment ammissibbli</u>**

2.1. Illi b'risposta ghat-talbiet ta' Azzopardi, preliminarjament Giovanni Briffa eccepixxa li l-azzjoni tieghu mhix legalment ammissibbli u dana ghaliex din tolqot il-meritu tal-"***underlying obbligation***" li tat lok ghall-hrug tal-kambjali in kwistjoni, liema kambjali gew sussegwentement girati a favur ta' Giovanni Briffa.

2.2. Illi fir-rigward tas-sitwazzjoni fejn kambjala ma tkunx giet girata, il-Qrati taghna mhux dejjem kienu kostanti fuq jekk kambjala tiksibx natura awtonoma indipendenti mill-***causa obligationis*** li tkun tat lok ghall-istess kambjala f'liema kaz ma jkunx ammissibli. Fil-kawza **Azzopardi vs Camilleri (02/08/94)** il- Qorti tal-Appell spjegat illi dawk il-Qrati li rritenew illi kamjala tikseb natura awtonoma kienu "isegwu wahda lill-ohra u jirreferu ghall-parti biss minn brann min-Noti tal-Professur Cremona; kwotazzjoni shiha min-Noti tal-Professur Cremona, min-naha l-ohra, turi bic-car li huwa biss f'kaz li

l-kambjala tigi girata li din takkwista l-karattru awtonomu taghha, mentri fil-konfront tal-accettant l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu tal-obligazzjoni ghandhom jigu investigati”.

2.3. Illi madankollu fir-rigward tas-sitwazzjoni fejn kambjala tkun giet girata a favur ta’ terzi persuni (bhal fil-kaz in kwistjoni), il-Qrati taghna dejjem qablu li galadarba l-iskop ta’ kambjala hija li din tista’ tigi girata malajr, f’dan il-kaz, il-kambjala takkwista karattru awtonomu u ghaldaqstant it-terz possessur ghandu dritt jagixxi fuq dak li jidher “***on the face***” tal-kambjala. Dan il-fatt huwa r-razzjonal kollhu tal-ezistenza tal-kambjala. Fil-kawza ***John Giordmaina et vs Joseph Pace et (16.01.03 – Cit Nru 3391/1996/2)*** din il-Qorti kienet qalet hekk: “Minghajr kambjala, kreditur jista’ jaghmel kuntratt ta’ cessjoni tad-dritt taht il-ligi civili, pero’ fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista’ jissoleva eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk ghall-kreditur, dan id-dritt ta’ cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehu kreditu ta’ haddiehor, fl-istess hin jiqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghall-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala.”

2.4. Illi f’dan ir-rigward l-gharef Professur Cremona fin-***Notes on Bills of Exchange*** jghid hekk: “It has been stated several times that pleas, which are personal to the endorsers, may not be set up against the holder of a bill, because it is repeated, each and every obligation arising from a bill independent the one from the other and the holder’s title does not derive from the title of this endorser.”

2.5. Illi hemm ukoll bazi legali wara din l-asserzjoni u din hija proprju l-Artikolu 197 tal-Kodici Kummercjali, illi tghid hekk: “197. Pleas which are personal to the endorsers ay not be set up against the holder of a bill.”

Fic-cirkostanzi ghalhekk, galadarba l-kambjali kienu gew girati, Azzopardi ma jistax jipprova jressaq eccezzjonijiet li huma personali ghal Emanuel Briffa fil-konfront ta’ Giovanni Briffa. Jekk ihoss illi ghandu xi bazi legali kontra

Emanuel Briffa, il-ligi taghtih mezzi ohra sabiex imexxi fil-konfront tieghu.

## 3. L-allegat ezistenza ta’ uzura

3.1. Illi minghajr pregudizju ghas-suepost, Giovanni Briffa jichad bil-qawwa kollha kwalunkwe allegazzjoni ta’ Ronald Azzopardi li l-kambjali in kwistjoni jkopru xi element ta’ uzura.

3.2. Illi mill-qari tar-rikors ta’ Azzopardi, dan qieghed jibbaza l-allegazzjoni tieghu preliminarjament fuq il-fatt illi l-kambjali jgibu d-data tat-30 ta’ Novembru 1994, u cioe` kwazi xahrejn wara s-self tas-somma ta’ tlett mija u erbatax-il elf u hames mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm314,588) li kien sar minn Emanuel Briffa, li Azzopardi u Jean Borg. Huwa qed jallega li:-

- Il-kambjali gew ffirmati fit-30 ta’ Novembru 1994; u
- Illi s-self ta’ Lm314,588 gie mibdul fis-somma ta’ Lm2,112,000 xi xharejn biss wara li gir kkrejat is-self.

3.3. Bir-rispett kollu pero` Ronald Azzopardi qed jibbaza ruhu fuq premessa zbaljata, u dana ghaliex il-kambjali in kwsitjoni, ghalkemm igorru d-data tat-30 ta’ Novembru 1994, fir-realta` kienu nhargu fis-sajf tal-2004 sabiex ikopru l-bilanci kollha pendenti flimkien mal-imghaxijiet li lahqu ddekkorew sa dak iz-zmien kif spjegat fil-fatti fil-qosor aktar ‘l fuq f’din ir-risposta. Dan il-bilanc kien fil-fatt ikopri t-transazzjonijiet kollha ta’ self li gew effettwati minn Emanuel Briffa lil Azzopardi, matul is-snin. Peress li l-kambjali in kwistjoni thallitilhom id-data vojta, Emanuel Briffa kien ippressuppona, illi allura d-debitur kien qed ihalli f’idejh biex jimliha hu d-data. Dan min-naha l-ohra iddecieda li jnizzel bhala data, dak iz-zmien illi Azzopardi kien gie ghandu u staqsieh sabiex jibda jselliflu aktar flus fil-futur. Din id-data kienet bejn wiehed u iehor lejn l-ahhar ta’ Novembru 1994, u ghaldaqstant Emanuel Briffa ghazel id-data tat-30 ta’ Novembru 1994 bhala d-***date of issue*** tal-istess kambjali.

3.4. F’dan ir-rigward Briffa jaghmel referenza ghal dak li jghid il-Professur **Cremona** fin-**Notes of Bills of Exchange** jispjega illi: “The omission of date does not affect the validity of the bill of exchange…. In practice, when the drawer draws an undated bill it is considered that he intends to refer for that date to the holder thereof, who will be in a position to insert any date, which suits him”.

3.5. Ghalhekk ghalkemm Briffa jista’ forsi jammetti li missieru ma kien xejn ingenjuz meta ghazel id-data in kwistjoni bhala d-***date of issue***, tenut kont il-konsegwenzi li zviluppaw, l-istess Briffa jhoss li Azzopardi qed ikun ferm ingust u malizzjuz illi jipprova japprofitta ruhu minn cirkostanza bhal din sabiex jallega l-ezistenza tal-uzura.

3.6. Illi di piu` hemm diversi indikazzjonijiet illi juru kemm il-kambjali fil-verita` ma gewx iffirmati fid-data indikata u li ma jkoprux is-self originali ta’ Lm 314,588 :-

a. Ibda biex, li kieku l-kambjali gew iffirmati f’dak iz-zmien, wiehed kien jistenna li l-kambjali jigu ffirmati minn Azzopardi u kif ukoll minn Jean Borg, illi dak iz-zmien kien ukoll debitur ta’ Emanuel Briffa. Fil-fatt kien biss bl-iskrittura tas-16 ta’ Gunju 1999 illi Ronald Azzopardi assuma s-sehem tad-dejn li kien jappartjeni lil Jean Borg, u kien biss f’din id-data li l-istess Azzopardi sar debitur uniku fil-konfront ta’ Emanuel Briffa.

b. Indikazzjoni ohra hija li ftit taghmel sens illi ftit gimghat wara li l-kreditur, flimkien ma’ Jean Borg, talab garanzija permezz ta’ plegg ta’ ishma, jerga’ javvicina lid-debituri tieghu sabiex jtuh garanzija ohra, permezz tal-hrug, tal-kambjali, f’mument meta skond l-istess ftehim datat 5 ta’ Settembru 1994, l-ewwel pagamenti kellhom isiru fis-sena 1996!!!!

c. Ftit taghmel sens ukoll illi ftit gimghat biss wara li l-kreditur silef lid-debitur is-somma ta’ tliet mija u erbatax-il elf u hames mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm314,588), jdur fuqhom u jgholli din is-somma ghal dik ta’ zewg miljuni, mija u tnax-il elf Lira Maltin

(Lm2,112,000)!!!! Bir-rispett kollu, Briffa jissottometti illi li kieku verament il-kreditur Emanuel Briffa xtaq illi jsellef bl-uzura, liema tip ta' self huwa dejjem kundannabbli, kienu jezistu metodi aktar realistici u koverti sabiex ikun jista' jaghmel dan minghajr ma jaghti daqshekk fil-ghajn!!!!

3.7 Illi Briffa ma jistax ma jsemmix illi Azzopardi fl-ebda parti tar-rikors ma jallega li l-kambjali gew iffirmati minnu taht pressjoni ta' vjolenza, jew b'xi qerq. Izjed minn hekk, Azzopardi ma ha ebda passi, la civili u lanqas kriminali biex isostni din l-allegazzjoni tieghu u qaghad jistenna li jigi mfittex ghal-hlas biex ghall-ewwel darba, jissoleva din id-difiza.

**4. <u>L-asserzjoni ta' Ronald Azzopardi illi Briffa ghamel pagament ingenti</u>**

4.1 Illi Azzopardi fir-rikors tieghu isemmi li l-fatt huwa ghamel pagament ingenti, permezz ta' hlasijiet effettwati ghan-nom ta' Emanuel Briffa, fl-ammont komplessiv ta' tnejn u hamsin elf mitejn u erbgha u erbghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm52,244.68), huwa raguni gravi u valida ohra sabiex jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali. F'dan ir-rigward, Briffa jichad bil-qawwa kollha li sar xi pagament f'dan is-sens, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-kors tal-kawza. Oltre dan jerga' jintqal illi anke kieku, ghas-sahha ta' l-argument kienu saru xi pagamenti kif qed jallega Azzopardi, din ma tikkostitwix raguni gravi u valida f'ghajnejn il-ligi meta kambjala tkun giet girata stante illi tali raguni semmai ghandha tingieb kontra "l-***endorser***" tal-kambjala u mhux kontra d-detentur tal-kambjala.

Ghaldaqstant in vista tas-suepost, Briffa talab lill-Qorti joghgobha tichad it-talbiet ta' Azzopardi kontenuti fir-rikors promutur, u tordna l-esekuzzjoni tal-ittra ufficjali bin-numru 661/2006 pprezentata fl-24 ta' Frar 2006.

Dan ghandu x'jirrileva ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Frar 2006 mibghuta minn Giovanni Briffa lil Ronald Azzopardi (fol 51), u l-kambjali.

Gie prezentat affidavit ta' Ronald Azzopardi li fih issema li hu lil Giovanni Briffa sar jafu ghal-habta tas-sena 1990 tramite missieru. Lil missieru kien jafu meta kien impjegat ma' agenzija ta' l-ivvjaggar, ghaliex hu kien johodlu hsieb il-vjaggi li kien jaghmel barra minn Malta. Emanuel Briffa kien stqarr mieghu li kien issellef il-flus lin-nies, fuq l-idejn, tant kemm kellu likwidita`. Ghall-habta tas-sena 1991, Emanuel Briffa kien offrielu li jekk ikollu bzonn xi ghajnuna finanzjarja, jisilfu l-flus. L-ewwel somma li silfu Emanuel Briffa kienet s-somma ta' tmint'elef Lira Maltin (Lm8,000) biex jhallas self li kellu fuq id-dar tieghu. Din is-somma kien hallasha lura. Fl-istess zminijiet, Jean Borg, hu l-mara tieghu, kien iddecieda li jibda negozju. L-istess Jean Borg kien dahhlu '***partner***' mieghu u kienu waqqfu kumpanija bl-isem "Boaz Properties Limited". Kjarament, peress illi kien diga ssellef minghand Emanuel Briffa, kien introduciehom, u tista` tghid li Emanuel Briffa u Jean Borg saru hbieb. Emanuel Briffa kien accetta li jsellifhom il-flus, imma nsista fuq rata ta' tnax fil-mija (12%) interessi fis-sena. Peress illi s-salf sar diversi drabi u f'diversi okkazzjonijiet, l-ammonti bdew telghin, kienu ddecidew li jsir ftehim dwar l-ammont kollu dovut lil Emanuel Briffa. Fil-fatt nhar il-5 ta' Settembru 1994 sar "***Pledge of Shares Agreement***" ghas-somma ta' Lm317,570.32 ghand l-Avukat Stefan Frendo. Dan huwa l-ammont illi effettivament kien dovut, u dan kien diga l-interessi bir-rata li diga semma. Kull darba li kien jislifhom il-flus Emanuel Briffa kien ikun kopert permezz ta' dawn il-kambjali. Fil-fatt seta' jipproduci ***Statements*** li kienu ppreparati minn Giovanni Briffa f'isem missieru Emanuel Briffa li jikkonfermaw li l-ammont misluf kien ferm il-

boghod mis-somma mitluba. Fil-fatt fi ***statement*** bid-data tat-31 ta' Dicembru 2000 l-ammont dovut kien ta' Lm285,922.55 flus Maltin, Lm202,000.00 Flus Inglizi (GBP 322,825.26), Lm96,000.00 Dollari Amerikani (USD 258,142), Lm9,800.00 Liri Taljani (LIT 43,998,073) b'total ta' Lm593,722.55. Mas-somma fuq imsemmija, jinkludi l-imghax ta' 12%. Qal li hu ghamel pagament akkont permezz ta' hlasijiet ta' vjaggi bl-ajru ta' Emanuel Briffa jew li kien ser ihallas Emanuel Briffa ghall-ammont ta' Lm 52,244.68. Hallas anke somma ta' Lm12,000 f'Awissu 2003. Saru wkoll xi pagamenti ohra, li wiehed jaghti dettalji aktar il-quddiem.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi s-sitwazzjoni f'din il-kawza hija regolata bl-artikolu 253(e) u ***proviso*** ta' l-istess li minhabba l-importanza tieghu qed jigi riprodott hawn taht:

**"253.** Huma titoli esekuttivi:

(*e*) kambjali u *promissory notes* ma]ru[a skond il-Kodi`I tal-Kummer`:

B'dan izda illi l-qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-e\ekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew su[[ett g]al garanzija kif ukoll ming]ajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-e\ekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li g]andu jsir fi \mien g]oxrin jum min-notifika ta' l-ittra uffi`jali li tintbag]at biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, min]abba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tag]ha jew tal-mandatarju tag]ha jew fejn dik il-persuna tressaq ra[unijiet o]ra gravi u validi biex topponi dik l-e\ekuzzjoni u f'dak il-ka\ biex persuna tesi[i l-]las ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tippro`edi b'kaw\a skond id-disposizzjonijiet tal-Kodi`i tal-Kummer`.

L-ittra uffi`jali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso g]andha, ta]t piena ta' nullita, tav\a lid-debitur bid-dritt mog]ti lilu minn dan il-proviso".

Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzzjoni tal-kambjala tista' tigi sospiza u cioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta' l-ezekuzzjoni. F'dak il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-dispozizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Il-ligi ma tispecifikax x'inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa' t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m'ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni.

Izda min-naha l-ohra l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u ***proviso*** tieghu gie rez bhala procedura (***prima facie***) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem ***prima facie*** izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens.

Issa fil-kaz in ezami jezistu dawn ir-ragunijiet gravi u validi? Il-bazi ta' l-azzjoni tar-rikorrent hija l-element ta' uzura u l-konsegwenti nullita` ai fini ta' l-artikolu 986(2) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jaghmilha cara dwar in-nullita` f'kaz ta' uzura. Anke fl-azzjoni kambjarja l-qrati rritenew li l-uzura tista' sservi ta' element li jigi indagat jekk il-kambjarja hija mcappsa bl-uzura (ara **Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15/11/1985).

Hawn il-Qorti trid toqghod ferm attenta milli tesprimi l-opinjoni taghha li tali uzura tezisti fil-kaz in ezami jew le ghax tali ricerka tispetta lil din il-Qorti f'azzjoni ***ad hoc*** wara li jigu mressqa l-provi kollha relevanti. Izda fl-istess

hin biex tara jekk jezistux dawk l-elementi gravi u validi necessarji ghall-kawza odjerna l-Qorti bilfors ghandha l-obbligu li tesprimi d-dubji ferm serji taghha dwar il-kaz in ezami jekk tali uzura kenitx applikata fil-kaz in ezami u dan senjalment meta wiehed jezamina d-dokumenti esebiti. Il-Qorti ma tistax hlief li tesprimi certu xetticizmu dwar il-mod ta' certu skritturi li suppost jirrigwardaw ammonti kbar u ghalkemm hija prattika bizzejjed li certu negozjanti jimxu b'velocita` ferm aktar milli mohh legali jassumi u b'riskji akbar minn dawk li l-Qorti thoss ragjonevoli, fl-istess hin f'dan il-kaz certu elementi jdahhlu certu dubju f'ghajnejn il-Qorti. Ma' dan jidhol ukoll dubju dwar is-sistema ta' pagamenti. Il-Qorti tosserva li kif jidher a fol 102 gie intavolat ir-rikors guramentat numru 1234/07AF fejn specifikament intalab li l-import tal-kambjali jikkomprendi ammonti li jikkostitwixxu uzura.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-dawn il-motivi tilqa' t-talba tar-rikorrent Azzopardi ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tal-kambjala li saret referenza ghaliha fl-ittra ufficjali.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------